A.L. 441 ta' l-2004

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni ta' l-2004 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Nru. 5)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:–

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-2004 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Nru. 5). Titolu.

2. L-art deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hija b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet. Art speċifikata.

3. Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet rigward l-art speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandhom b'seħħ mid-9 ta' Settembru, 2004 jitqiesu li bdew jitwettqu minn Malta Industrial Parks Limited (C 28965) kif provdut fl-imsemmi artikolu 2 ta' l-Ordinanza. Jum stabbilit.

4. L-art imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni tikkonsisti f'biċċa art il-Marsa, li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. No. 38_93_B, liema pjanta ġiet transunta fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli fis-17 ta' Settembru, 2004. Deskrizzjoni.